MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 770/2010

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef-Grimaud)
vs
Mary Pace, bint Joseph Cefai, imwielda Valletta fis-26 ta' Frar, 1969, Karta ta' l-Identita numru 170969(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fit-30 ta' Lulju, 2010 għal ħabta tat-8.00 p.m. ġewwa l-Belt, Valletta:
1. ikkaġunata feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna anzjana ta' Maria Dolores Turaga, skont ma ċċertifika t-Tabib Dr. Stephen Muscat M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;
2. bl-imġieba tagħha, ikkaġunat lil Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia, biża li ser tintuża vjolenza kontrihom meta kienet taf jew imissa kienet taf li l-imġieba

tagħha ser tikkaġuna lil Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia hekk jibżgħu kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;
3. ħebbet għal Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia, żewġ anzjani ‘l fuq minn sittin sena;
4. imbottat lil Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia fit-triq biex tweġġagħhom jew tinsulthom;
5. dejqet, tat fastidju jew daħqet b’nies xjuħ;
6. bi kliem heddet lill-imsemmija Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia;
7. dagħat fil-pubbliku;
8. qalet kliem oxen jew indeċenti fil-pubbliku, jew għamlet atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offendiet l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
9. bil-lejl, kisret il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b’mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna ta’ Maria Dolores Turaga u Carmela Farrugia jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għas-reat, torbot lill-ħatja b’obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffisata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Diċembru, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 221(1), 222A(1), 251A(1)(b), 338(m)(bb) u 339(1)(d)(l)(n) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------